MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 18/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**PIERRE JOSEPH SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIERRE JOSEPH SPITERI** bin Joseph u Tessie nee Theuma li joqghod 6, Triq Gajdoru, Xaghra u detentur tal-karta` tal-identita` numru 76900 (L) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Meju, 2003 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-fond 6, Triq Gajdoru, Xaghra;

1. Zamm senter numru 328888 tal-ghamla Breda jew kien fi-pussess tieghu minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Ingurja, hedded, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tiqies vjolenza pubblika kontra PS 755 F. Gauci u PC 354 A. Spiteri, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew tal-ordni moghtija lilhom skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan kollu bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Naqas li jobdi l-ordni legittma tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
4. Barra minn dan, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq il-qmis tas-servizz ta' PS 755 F. Gauci liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar Liri Maltin ghad-dannu tal-Gvern Malti.

Rat id-dokumenti kollha esbiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tnax ta' Novembru, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tas-sebgha u ghoxrin ta' Novembru, 2003.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju u lix-xhieda tad-dfiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-sebgha ta' Awissu, 2003 xehed l-**Ispettur Antonello Grech** u qal li fil-wiehed u tletin ta' Mejju, 2003 kien gie infurmat minn PS 755 Gauci li kellu rapport minghand omm l-imputat li binha l-imputat kien ghamel ghaliha god-dar u kien hemm argument familjari. Illi in effetti fuq il-post tal-incident kienu marru PS 755 u PC 354 u meta talbu lill-imputat biex jigi maghhom, dan allegatament hebb ghalihom.

L-imputat gie mehud l-ghassa u de viso huwa innota li l-qmis ta' PS 755 kienet imqatta. Meta huwa staqsa lill-

imputat ghaliex ghamel dak li ghamel, l-imputat wiegeb li hawduh u ghaliex il-pulizija haduh bl-herra.

L-imputat ammetta mieghu li verament kellu argument ma ommu, ghalkemm cahad li heddidha b'senter. L-imputat, fuq ordni tieghu gablu ukoll is-senter. Illi mill-verifiki li ghamel ma irrizultalux li s-senter kien licenzjat ghalkemm kellu applikazzjoni pendenti biex isir transfer minn fuq terza persuna ghal fuqu, liema applikazzjoni kienet giet approvata pero t-transfer ma kienx ghadu sar.

**PS 755 Frank Gauci** xehed fis-sebgha ta' Awissu, 2003 u qal illi fl-wiehed u tletin ta' Mejju, 2003 huwa gie infurmat mit-telephone orderly illi kienet cemplet certu Tessie Spiteri u irraportat li binha kien heddidha b'arma li kien qed ipoggielha ma rasha.

Huwa mar fuq il-post indikat lilu flimkien ma PC 354 u meta waslu setghu jisimghu l-ghajjat minn barra, habbtu u kellmu lil Tessie Spiteri li kienet ikkonfermatlu dak li kienet qaltilhom l-orderly u cioe` li binha ghamlilha s-senter ma rasha. Dak il-hin hija kienet ghadha qed tghajjat u targumenta ma binha. It-tifel gie jghajjat u kien ostili u aggessiv u sahansitra anke heddidhom. Huma talbuh is-senter, l-imputat irrifjuta li jghaddihulhom u wiegeb "itilqu 'l barra ghax inqattakhom b'sikkina". Huwa beda jordnalu sabiex imur mieghu l-ghassa izda dan irrifjuta sakemm fl-ahhar qabdu mill-flok. L-imputat irrestista u fil-fatt carratlu l-flokk. L-imputat beda jaghti bil-ponn u bis-sieq, tant li spcca waqa mal-art bil-qmis imqatta.

Wara dan kollu hu rikeb fil-karozza maghhom. Waqt li kien l-ghassa l-imputat beda jallega li gie maltrattat mill-pulizija u ghalhekk fuq ordni tal-Ispettur, l-imputat gie akkumpanjat l-Isptar fejn inhareg certifikat mediku rilaxxjat minn tabib datat wiehed u tletin ta' Mejju, 2004 esebit fl-atti bhala dokument CSH 4 a fol 16.

**PC 354 Anthony Spiteri** xehed fid-disgha ta' Ottubru, 2003 u kkonferma dak li kien qal PS 755 Gauci dwar li l-imputat kien qed jirresisti mas-surgent u anka waqqghu mal-art.

**PC 982 Martin Vella** xehed fil-hamsa u ghoxrin ta' Settembru, 2003 u spjega li hu kien gie ordnat minghand l-imputat li jigbor senter bin-numru ta' registrazzjoni 328888 tal-marka Breda, effettivament hekk ghamel u ippresenta dan is-senter il-Qorti li gie immarkat dokument PS (Fol 25).

**WPC 121 Mary Spiteri** esebit kopja tal-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija f'isem l-imputat sabiex jixtri arma tal-ghamla Breda single barrel kien licenzjat giet imhallsa fit-tnejn ta' Gunju, 2003 (fol 19).

**L-imputat** ghazel li jixhed u nhar il-hdax ta' Marzu, 2004 b'mod volontarju u minn jeddu ta d-deposizzjoni tieghu.

Huwa spjega illi dakinhar li marru l-pulizija huwa kien id-dar u ikkonferma li kellu argument ghalkemm jiddiskrivieh bhala "farka ta' argument". Huwa jghid li f'daqqa t'ghajn waslet il-pulizija fuq il-post u PS Gauci baqa diehel fid-dar, qabdu mill-flokk, qattahulu u ta' s-salt ghal ghonqu. Huwa ma setghax jiehu n-nifs u ghalhekk waqqghu mal-art. Mistoqsi x'qallu l-pulizija meta wasal, l-imputat wiegeb li l-Pulizija ma qallu xejn, mar fuqu kiesah u biered u qabdu minn ghonqu.

Huwa pero jammetti li kien fi kliemu daqxejn "msahhan ma tad-dar", kien irrabjat u qabad is-senter u ghamlu fid-direzzjoni t'ommu waqt li kien fil-cover. Huwa jammetti li kellu fil-pussess tieghu l-arma qabel ma kellu l-licenzja mghotija mill-Kummissarju tal-Pulizija f'idejh.

**Joseph Spiteri**, missier l-imputat ikkonferma li dakinhar li l-pulizija marru fuq il-post l-imputat kellu xi jghid ma ommu u gab is-senter u ghamlu ma wiccha (fol 37). Martu bezghet u cemplet lill-pulizija. Huwa jiddeskrivi l-pulizija bhala li kienu agressivi fl-imgieba taghhom tant li qattaw il-flokk tal-imputat u taw s-salt ghal fuqu. Fl-ahhar l-imputat spicca mar mal-pulizija l-ghassa.

**Tessie Spiteri** tispjega illi dakinhar tal-incident binha telghalu irrabja u qam u mar bis-senter ghal ma wiccha.

Hija twerwret u cemplet il-pulizija. Hija kienet imwerwra u bezghana. Il-pulizija waslu fuq il-post ftit wara, **habbtu** u kienet hi li marret tifthilhom il-bieb. Malli fethitilhom, il-pulizija staqsieta ghal binha. Il-pulizija kien aggressiv mieghu, qabdu mill-flokk u insista mieghu li kellu imur mieghu l-ghassa. Mistoqsi x'qalet lill-pulizija meta cemplet, hija ikkonfermat li lill-pulizija qaltilha li binha qabad is-senter u hebb ghalija.

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni fis-sens illi l-pulizija tghid li agixxiet bil-mod li agixxiet ghax kienet qed tirrispondi bzonn ta' emergenza filwaqt li d-difiza tghid li l-imputat agixxa b'aggressjoni lejn l-ufficjal ghaliex ma gabux ruhhom sewwa mal-imputat.

Il-Qorti hawnhekk tirrileva qabel xejn li l-pulizija hargu fuq emergenza fuq allegazzjoni ta' iben li hebb ghal ommu b'senter tant li twerwret u kellha titlob l-assistenza taghhom. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ta' perikolu u emergenza zgur li l-Pulizija ma setghetx tkun kalma u tagixxi daqs li kieku ma kien gara xejn.

L-imputat u missieru jghidu li l-pulizija qabdu u dahhlu hesrem, filwaqt li omm l-imputat tghid u tikkorrabora l-versjoni tal-pulizija u cioe li habbtu u li kienet hi li fethitilhom u uriethom fejn kien binha. Illi forsi hu minnu li l-pulizija kienet aggressiva fl-imgieba taghha pero f'dawk ic-cirkostanzi li kienu marru mhedda b'senter tali atteggjament kien gustifikat.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza mghotija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1999 fl-ismijiet il-Pulizija vs Stephen Borg**. F'dik is-sentenza dik il-Qorti kienet irrilevat li;

*"Biex ikun hemm ir-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kap 9 irid ikun hemm fost affarijeit ohra u bhala minimu, xi forma ta'* ***forza illegittima*** *diretta lejn, jew ezercitata fuq, il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku b'dan ukoll illi l-att li bih kellu forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tant li jkun tendenti, ossia jkun l-potenzjalita`, li*

*jikkaguna xi hsara lil persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi fil-fatt ikkagunata, anke jekk l-agent ma jkollu* ***ebda*** *intenzjoni li jikkaguna tali hsara".*

Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu **"Notes on Criminal Law"**, jghid illi;

*"This crime in its simple form consists in an attack or resitence by violence or active force (vie di fatto) not ammounting to public violence, against a person lawfully charged with a public duty while acting in execution of the law of a lawful order of the competent authority".*

Fil-kaz fl-ismijiet il-**Pulizija vs Lawrence Attard deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnax ta' Settembru, 1996**, intqal illi;

*"Biex jissusisti dan ir-reat, irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resitenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (f'dan il-kaz, il-pulizija) izda ukoll li dan l-attakk jew resistenza isir bi vjolenz jew b'hebb u jsir filwaqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti meta ufficcjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat huwa jkun certament qieghed jagixxi il-ligi".*

In segwitu, din il-Qorti jidrilha opportun tghid ftit kliem fuq dak li jiddisponi l-artikolu 338 ee tal-Kap 9 u cioe` dwar x'jikkostitwixxi ordni legittima. Ordni legittima moghtija mill-Pulizija jew mill-awtorita` ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (vide sentenza tal-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Austin Grech deciza fis-sitta ta' Ottubru, 1992**).

Ordni titqies legittima ghall-finijiet ta din il-kontravenzjoni kontemplata fil-paragrafu 338 (ee) jekk ikun **prima facie** legitimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-konfront tieghu u fil-forma li bih inghata.

Skond l-awtur Ingliz ATM Smith fil-ktieb tieghu **"Offences Against Public Order" Sweet and Maxwell page 194**, tfixkiel ifisser li dan ikun sar bl-iskop li b'xi mod jaghmilha aktar difficli biex il-pulizija taghmel xogholha jew taht cirkostanzi li fihom dak li jkun ghandu ragjonevolment jobsor li dak li qed jaghmel sejjer ifixkel lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijietha.

*"In other words what would appear to be required is some awareness on the part of the defendant that he was making the task of the police a more difficult one".*

Fid-dawl tal-fuq espost principji legali, il-Qorti sejra tesamina bir-reqqa l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali sabiex tara jekk ir-reati hemm kontemplati gewx ippruvat fil-konfront tal-imputat bix-xhieda imressqa.

Dwar **l-ewwel** akkuza u cioe` dik ta' pusess ta' arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, m'hemmx dubju li tirrisulta ghalkemm hemm cirkostanzi li forsi jimmeritaw konsiderazzjoni ghal piena.

Dwar **it-tieni** u **tielet** akkuzi u cioe` ingurji u theddid kontra ufficjali pubblici u attakk jew resistenza, m'hemmx dubju li tirrisulta u dan mix-xhieda tal-pulizija stess li qalet li l-imputat waqqa lil PS 755 Gauci mal-art u qattalu l-ispallett u l-qmis tas-servizz u dan waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dwar l-insulti jirrusulta ukoll mix-xhieda tal-istess PS 755 li mhiex kontradetta minn hadd li l-imputat qallu kliem "itilqu minn hawx ghax inqattakhom b'sikkina", zgur li tali kliem jammontaw ghal theddid kontra l-persuna tieghu u cioe` ta' ufficjal pubbliku waqt li kein qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi.

Dwar ir-**raba** akkuza u cioe` li l-imputat ma obdiex l-ordni tal-pulizija din tirrisulta ukoll ghaliex meta l-imputat intalab

jaghti l-arma lill-pulizija, dan irrifjuta li jaghmel hekk u kien biss l-ghada li hadha l-ghassa, u inoltre meta gie mitlub biex jakkompanjawh l-ghassa, l-imputat gie wkoll bid-daghjsa u fixkel l-istess ufficcjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

Dwar l-ahhar akkuza u cioe` dik ta' hsara volontarja, l-Qorti hija tal-fehema li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova tali akkuza u ghalhekk tilliberah minnha.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti thoss illi hemm cirkostanzi li jimmeritaw mitigazzjoni fil-piena, u konsegwentemetn hemm ragunijiet specjali 'l ghala l-Qorti ghandha tinzel taht il-minimu fl-applikazzjoni tal-piena kif provdut mill-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. L-eta` tal-imputat;
2. Il-kwistjoni kienet wahda familjari bejn omm u iben u milli jidher is-sitwazzjoni ta' bejniethom irrangat ruhha.
3. Il-fedina penali netta tal-imputat minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 3 (1) tal-Kap 66, l-artikolu 95 u 96, 338 ee u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' hsara volontarja minn liema akkuza qed tilliberah u tiddeciedi li tikkundannah multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM 300).**

**Stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` li l-arma llum hija licenzjata u in effetti l-applikazzjoni tal-imputat ghaz-zamma tal-arma in kwistjoni kienet ga giet ippruvata mill-Kummissarju tal-Pulizija qabel l-incident, il-Qorti thoss li m'ghandix tordna l-konfiska tal-arma.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------